MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 12/2007/1

Townhouse Limited

Vs

Charlene Meilak

Il-Qorti,

**Rizenja minn impjieg qabel iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' impieg – hlas lill-principal ta' nofs il-paga ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem – Artikolu 36(12) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).**

Rat l-avviz tat-talba prezentat fit-22 ta' Gunju 2007 li bih is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm3,347) in kwantu ssostni li l-konvenuta abbundanat l-impjieg taghha

mas-socjeta attrici qabel it-terminu pattwit fil-kuntratt ta' impjieg.

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenuta fid-29 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha eccepiet li:-

1. L-azzjoni tas-socjeta attrici hi preskritta. Fis-seduta tal-1 a' Novembru 2007, il-konvenuta ddikjarat li qeghda tibbaza l-ewwel eccezzjoni fuq l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili (fol. 27).
2. Kien hemm ragunijiet validi ghalfejn il-konvenuta kellha titlaq mix-xoghol.
3. L-ammont pretiz hu eccessiv in kwantu hemm is-somma ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm549) li jirraprezenta paga ghax-xahar ta' April 2006 u sal-11 ta' Mejju 2006 li ma thallsitx lill-konvenuta.

Semghet ix-xhieda li ressqu l-partijiet u rat l-atti kollha.
Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta attrici bhala *accounts clerk*. Il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' impjieg definit li jgib id-data tat-3 ta' Ottubru 2005 (fol. 12). Il-partijiet ftehemu li:-

*"In case of termination of employment before the expiration of the time definitely agreed upon or during any subsequent renewed period as above by either party without good and sufficient cause the following shall apply:-*

*In case of dismissal by the Company, the Employee shall be entitled to claim from the Company one half of the full salary that would have accrued to him in respect of the remainder of the time specifically agreed upon.*

*In case of abandonment by the employee, the Company shall be entitled to claim from the employee a sum equal to one half of the full salary towhich he woul have been entitled if he had continued in the service for the remainder of the time specifically agreed upon"*.

Tista' tghid li din il-klawzola qeghda tirriproduci dak li jipprovdi l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).

2. Mill-atti jirrizulta li:-

(a) L-impjieg tal-konvenuta taht il-kuntratt definit ta' impjieg, beda mit-3 ta' Ottubru 2005. Qabel dakinhar il-konvenuta kienet ilha xi ftit xhur taghmel xoghol ghas-socjeta attrici.
(b) Permezz ta' avviz datat 27 ta' April 2006, il-konvenuta nfurmat lis-socjeta attrici li kienet qeghda tittermina l-mpjieg taghha u li kienet ser tkompli tahdem sal-11 ta' Mejju 2006. Fil-istess waqt iddikjarat: ***"I would like to thank your good self for giving me the opportunity to work within your company"*** (fol. 18). Dak iz-zmien il-konvenuta kellha salarju ta' disghajn lira Maltija (Lm90) fil-gimgha.
(c) L-ahhar gurnata tax-xoghol tal-konvenuta kienet fil-11 ta' Mejju 2006.
(d) Fit-12 ta' Jannar 2006 il-konvenuta pprezentat applikazzjoni mal-Employment & Training Corporation sabiex issib impjieg alternattiv (fol. 47).
(e) B'sehh mill-15 ta' Mejju 2006 il-konvenuta bdiet tahdem f'Malta mal-kumpannija First United Brokers Limited f'Malta.
(f) Fid-29 ta' Lulju 2006 il-konvenuta baghtet ittra legali li permezz taghha nterpellat lis-socjeta attrici thallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350) salarju ghax-xahar ta' April 2006 u mill-1 sal-11 ta' Mejju 2006. F'dik l-ittra inghad li l-konvenuta *"....giet mgeghla titlaq mix-xoghol taghha per konsegwenza ta' atteggjament insapportabbli ta' uhud mis-sidien kif ukoll certu xenati li kienu qed jigu kkawzati ghal xejn b'xejn. In vista ta' dan*

*kollu kif ukoll peress li dawn baqghu jirrepetu ruhhom hija ma kellhiex triq ohra ghajr li titlaq x-xoghol"* (fol. 23).
(g) Min-naha taghha s-socjeta attrici pprezenta ittra ufficjali li biha nterpellat lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm3,347) hlas dovut peress li tterminat l-impjieg taghha qabel iz-zmien pattwit (fol. 24).
(h) Skond il-kuntratt ta' impjieg, l-impjieg tal-konvenuta kien jigi fit-tmiem fit-3 ta' Ottubru 2007. Fil-fatt is-socjeta attrici qeghda titlob hlas li jkopri l-perjodu mit-12 ta' Mejju 2006 sat-3 ta' Ottubru 2007.

3. L-ewwel eccezzjoni hi li l-azzjoni tas-socjeta attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili, li jiffissa terminu ta' sena ghal: *"l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu"*. M'hemmx dubju li dan il-provvediment ma japplikax ghall-kaz odjern in kwantu jirreferi ghall-hlas ta' pagi u salarji. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi hlas a bazi ta' obbligazzjoni kuntrattwali li assumiet il-konvenuta f'kaz li titlaq mill-impjieg qabel it-terminu pattwit. Obbligazzjoni li wara kollox tohrog ukoll mil-ligi (Kap. 452). Ghalhekk din l-eccezzjoni hi minghajr bazi u ser tigi michuda.

4. Fil-meritu, il-konvenuta ghamlet riferenza ghal dak li sejhitilhom incidenti u li minhabba fihom tghid li *"kont kostretta nitlaq mill-impjieg tieghi...."* (fol. 30). Dawn kienu s-segwenti:-

(a) Wara xahar u nofs li bdiet tahdem mas-socjeta attrici (qabel iffirmat il-kuntratt tat-3 ta' Ottubru 2005), wahda mid-diretturi tal-kumpannija (Bella Cassar, mart Anthony Cassar) dahlet fl-ufficcju biex tiffirma xi cekkijiet. Skond il-konvenuta, inqala' incident minhabba wiehed mic-cekkijiet; *"x'hin hrigna barra Caroline spjegatli li fost dawn ic-cekkijiet kien hemm cekk partikulari li ma kellux jasal ghall-attenzjoni tas-sinjura Cassar, liema cekk kien jirreferi ghall-hlas ta' sistema ta' data tracking li kienet*

*installata fuq il-karrozza ta' Bella Cassar"*. Spjegat ukoll li Bella Cassar ordnatilhom jaghlqu l-ufficcju;

(b) Xhur wara li bdiet l-impjieg taghha, kienet f'gurnata minnhom dahlet ghax-xoghol u sabet il-bieb ta' l-ufficcju miftuh u l-katnazz imkisser. L-impjegati l-ohra gharrfuha li *"...Bella Cassar kienet giet biex tidhol fl-ufficcju u peress li ma kelliex cwievet kissret il-katnazz u dahlet fl-ufficcju"* (fol. 31).

(c) F'okkazzjoni ohra Bella Cassar kienet dahlet fl-ufficcju l-gdid li minnu bdew jahdmu, u bdiet tghajjar lil Caroline Curmi (li kienet is-superjura tal-konvenuta). Inqala' argument bejniethom u skond il-verzjoni li nghatat mill-konvenut *"Bella Cassar kienet ser taggrdeixxi lil Caroline bhalma kienet ghamlet f'okkazzjoni precedenti u ghalhekk hrigt warajhom u ppruvajt nikkalma lil Caroline u ghidtilha biex ma tkellimiex iktar"*. Qalet ukoll li Bella Cassar kienet qaltilha li ma rieditix tkompli tahdem hemm.

(d) Caroline Curmi kienet bdiet tahdem inqas sighat u l-konvenuta kienet qeghda tqatta' hin wahedha. Tghid li kienet tkun imwerwra li ser jinqala' xi incident ma' Bella Cassar.

(e) Ghamlet riferenza ghal certu atteggjament ta' Bella Cassar li skond il-konvenuta kien qieghed ifixkel ir-ritmu tax-xoghol. Ezempju kienet haditilhom il-ktieb tas-*sales* u damet ma rritornatu, kienet tiehu xi flus mill-hwienet minghajr ma tgharraf lill-konvenuta.

(f) Fil-21 ta' April 2006 dahlet ghax-xoghol u giet infurmata minn Salvina Saliba sabiex taghlaq l-ufficcju sakemm Anthony Cassar (direttur l-iehor) jasal lura mis-safar. Skond l-attrici, Anthony Cassar kellu jirritorna mis-safar fil-25 ta' April 2006. F'dawn ic-cirkostanzi fis-27 ta' April 2006 tat l-avviz li ser tittermina l-impjieg mas-socjeta attrici.

5. Hu maghruf li rizenja minn impjieg ghal ragunijiet li ghalihom jahti dak li jaghti x-xoghol titqies b'interpretazzjoni bhallikieku kienet tkeccija (*constructive dismissal*). Hekk per ezempju, jekk ikun hemm indhil zejjed fix-xoghol , ir-rizenja tal-impjegat titqies bhallikieku kienet tkeccija minghajr raguni tajba; *"where the employee himself terminates the contract, with or without notice, in circumstances where he is entitled to terminate it without notice by reason of the employer's*

*conduct: this is known as 'constructive dismissal', for although the employee resigns, it is the employer's conduct which constitutes a repudiation of the contract, and the employee accepts that repudiation by resigning"* (*Selwyn's Law of Employment*, N.M. Selwyn, Edizzjoni numru 14 (2006) Oxford, pagna 399). Pero' fid-difiza taghha l-konvenuta m'hijiex issostni li giet imkeccija ngustament mill-impjieg taghha. F'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ma kienx ikollha gurisdizzjoni peress li skond l-Artikolu 28 tal-Industrial Relations Act (Kap. 266), hu t-Tribunal Industrijali li ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva li jittratta u jiddecidi dwar ilmenti ta' impjegati li kien vittma ta' tkeccija ngusta. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell[1] li nghatat fit-28 ta' Jannar 2008 fil-kawza **Anne Bharwani vs MM Training & Development Services Limited**:- *"L-interessament taghha bl-azzjoni kostitwita quddiem it-Tribunal jidher li kien dak mahsub li jigi demostrat li, fic-cirkostanzi pervenuti, dik ir-rizenja giet sfurzata fuqha, jew imposta lilha, u tali kienet tekwivali ghal dik ta' constructive dismissal. Evidentement, il-gudizzju dwar dan kien jispetta lil kompetenza tat-Tribunal adit u mhux lil xi qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja"*.

6. Il-Qorti tistqarr li m'hijiex sodisfatta li l-konvenuta rnexxielha tressaq provi sodisfacenti li l-ambjent tax-xoghol kien tali li ma kellix triq ohra ghajr li tirrizenja mill-impjieg li kellha mas-socjeta attrici, li min-naha tas-socjeta attrici kien hemm xi ksur tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali, u li dak li ssejhilhom bhala incidenti kienu qeghdin jaghtu lok ghal *"ansjeta' kbira fuq il-konvenuta ghaliex ma kienx jippermetti li wiehd jahdem kif mistenni"* (fol. 6). Hu fatt li bejn id-diretturi Anthony Cassar u Bella Cassar kien hemm dizgwid matrimonjali. L-incidenti li ghamlet riferenza ghalihom il-konvenuta, ma kienux direttament jinvolvu lilha. Dan qieghed jinghad minkejja li Salvina Saliba (impjegata ohra) qalet li l-ufficcju kien ghamel xi granet maghluq minhabba "clash" li kien hemm bejn il-konvenuta u Bella Cassar (fol. 48). Il-Qorti kellha l-

[1] Imhallef Philip Sciberras.

opportunita’ li tisma’ lil Caroline Curmi (seduta tal-11 ta’ Dicembru 2007 – fol. 50), li kkonfermat li l-incident dwar ic-cekkijiet (li wassal biex l-ufficcju ghamel xi granet maghluq) kien bejnha u Bella Cassar. Ix-xhud ikkonfermat li hadet wiehed mic-cekkijiet minn idejn Bella Cassar, ghaliex dak kien cekk li kellu jinghata lil Anthony Cassar. Semmiet incident wiehed fejn Bella Cassar gholliet lehenha mal-konvenuta. Spjegat ukoll li kienu ftehemu ma’ Anthony Cassar li *“....l-mara tieghu ma tigix lejn l-ufficcju u d-direttivi beda jaghtihomna hu. Jiena li niftakar huma dawn id-darbtejn li ghadni kif semmejt bhala kwistjonijiet”* (fol. 51). Il-Qorti m’hijiex tal-fehma li dak li xehedet dwaru l-konvenuta jistghu jissejhu bhala incidenti ta’ certu gravita’ li kienu jiggustifikaw lill-konvenuta li tabbanduna l-impjieg. Ghalkemm hu minnu li mhux kull individwu jigi effetwat bl-istess mod, wara li l-Qorti kellha l-opportunita’ tisma’ lill-konvenuta in kontro-ezami u x-xhieda l-ohra li ddeponew, m’hijiex konvinta li din kienet ir-raguni li verament waslitha biex tirrizenja mill-impieg li kellha mas-socjeta attrici. Fatturi ohra li wasslu l-Qorti ghal din il-konkluzjoni huma:-

(a) Mill-provi ma rrizultax li fil-kors tal-impjieg il-konvenuta kienet ilmentat ma’ Anthony Cassar li fil-post tax-xoghol kien hemm ambjent ta’ tensjoni tant li kien qieghed ikun ta’ xkiel ghaliha li tkompli twettaq id-dmirijiet taghha. Anthony Cassar xehed, *“sa fejn naf jien il-konvenuta ma kellhiex problemi fuq il-post tax-xoghol. Mieghi qatt ma lmentat li kellha xi problemi”* (fol. 8).

(b) Ma rrizultax li l-konvenuta qatt kellha xi dizgwid ma’ Anthony Cassar u mill-atti l-Qorti fehemet li hu kien responsabbli fil-gestjoni tan-negozju u li kien hemm zmien fejn l-impjegati kienu jirrispondu direttament lejh.

(c) Fl-avviz moghti lis-socjeta attrici, il-konvenuta ma ghamlet l-ebda accenn li kienet qeghda tirrizenja minhabba r-ragunijiet li semmiet fir-risposta li pprezentat fid-29 ta’ Ottubru 2007 (fol. 6). Anzi rringrazjat lil Anthony Cassar ***“... for giving me the opportunity to work within your company on this post”*** (fol. 18).

(d) Jidher li l-konvenuta kienet sa mill-bidu tas-sena 2006 iddecidiet li ssib impjieg alternattiv tant li

ghamlet applikazzjoni mal-Employment Training Corporation ghal impieg alternattiv (ara wkoll xhieda ta' Marcel Bonnici[2]). In kontro-ezami qalet ***"Din l-applikazzjoni jiena ghamiltha peress li ma stajtx nissaporti iktar minhabba l-incidenti li semmejt f'dan l-impieg li kelli mal-kumpannija attrici"*** (seduta tal-5 ta' Frar 2008). Hu ghalhekk evidenti li ftit xhur wara li bdiet fl-impieg, il-konvenuta kienet diga' ddecidiet li mal-ewwel opportunita' tirrizenja mill-impjieg u dan minkejja li l-konvenuta naqset milli tressaq provi sodisfacenti li f'perjodu ta' ftit xhur inqalghu tant incidenti li ma wasslu lill-konvenuta biex tiehu dan il-pass. Il-Qorti mhi konvinta xejn li l-konvenuta ghamlet dan il-pass minhabba l-episodji li semmiet u li skond il-verzjoni li tat graw ukoll wara li kienet applikat ghall-impieg alternattiv. Fl-affidavit li pprezentat qalet li tat l-avviz ta' rizenja (27 ta' april 2006) wara li l-ufficcju ghamel xi granet maghluq fuq struzzjonijiet li nghataw minn Anthony Cassar u ma kienitx taf meta kienet ser tirritorna lura ghax-xoghol. Qalet ukoll, *"jiena kont kostretta nitlaq mill-impjieg tieghi ma' Townhouse Limited kawza ta' numru ta' incidenti li graw fuq il-post tax-xoghol fejn kont soggetta ghal abbuzi u pressjoni minn terza persuna, li tigi l-mara tal-principal Anthony Cassar"* (fol. 30). Il-Qorti ma taqbilx li l-episodji li ssemmew jaghtu xi prova ta' *"abbuzi u pressjoni minn terza persuna"*[3] fil-konfront tal-konvenuta.

(e) Jekk l-ambjent li l-konvenuta kienet qeghda tahdem fih kien insopportabbli kellha kull opportunita' li tirrizenja matul il-perjodu ta' tlett (3) xhur *probation*, liema perjodu skada fit-3 ta' Jannar 2006 u dan meta skond il-verzjoni li tat kienet applikat ghall-impieg alternattiv ghaliex *"….ma stajtx nissaporti iktar minhabba l-incidenti li semmejt…"*. In-nuqqas tal-konvenuta li tiehu dan il-pass hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, indikazzjoni ohra li mhux veru li l-konvenuta kienet qeghda tahdem f'ambjent li ma setatx tissaporti iktar tahdem fih.

(f) Skond Caroline Curmi, li l-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma temminx dak li qalet, il-konvenuta kienet qaltilha li l-gharus taghha kien jahdem Malta u ma

---

[2] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 (fol. 53).
[3] Kliem il-konvenuta.

kellu l-ebda ntenzjoni li jirritorna lura lejn Ghawdex. Kompliet tghid, ***"Kienet bejn haltejn jekk tmurx tahdem Malta jew tibqa Ghawdex. Ghalkemm Charlene dehret li ma riditx tmur tahdem Malta kienet semmietli illi peress li l-boyfriend taghha kien had dik id-decizjoni ma kellhiex ghazla ohra hlief li tmur lejn Malta jekk riedet li r-relazzjoni tkompli"*** (fol. 52). Fil-fatt jirrizulta li l-konvenuta ttraslokat lejn Malta u sahansitra f'Novembru 2006 xtrat ukoll proprjeta' bi shab mal-gharus taghha. Arrangamenti li fil-fehma tal-Qorti ma jsirux mil-lum ghall-ghada.

(g) Il-konvenuta qalet li l-affarijiet marru ghall-aghar meta Caroline Curmi bdiet tahdem b'inqas sighat; *"nghid li meta kont inkun wahdi fl-ufficcju kont inkun imwerwra li se jerga' jinqala' xi incident ma' Bella Cassar"*. Pero' il-konvenuta stess iddikjarat li wara li nqala' dak li ddeskrivit bhala l-ewwel incident (u li hi stess iddikjarat li sehh qabel iffirmat il-kuntratt ta' impieg datat 3 ta' Ottubru 2005), *"Bella Cassar ma baqghetx tigi fl-ufficcju taghna biex tiffirma c-cekkijiet u lanqas biex tistaqsina affarijiet bhal ma kienet taghmel is-soltu"* (fol. 31). Il-Qorti ma tifhimx kif il-konvenuta tghid li kienet tkun imwerwra *"li ser jerga' jinqala' xi incident ma' Bella Cassar"*, meta qabel qalet li Bella Cassar ma baqghetx tmur l-ufficcju. Dan apparti l-fatt li mill-provi ma rrizultax li Bella Cassar kellha xi problemi personali mal-konvenuta.

(h) Il-verzjoni moghtija mill-konvenuta li kien hemm zewg okkazzjonijiet meta l-ufficcju inghalaq ghal xi granet, m'hijiex korraborata. Caroline Curmi ghamlet riferenza ghal okkazzjoni wahda biss meta l-ufficcju ghamel xi granet maghluq, u dan kien jirrelata ghal kaz tac-cekk li ma kellux jinghata lil Bella Cassar. L-istess m'hijiex korraborata l-verzjoni li nbidel il-post minn fejn kienu jahdmu l-konvenuta u Caroline Curmi sabiex *"…jaghmilha aktar difficli ghal martu biex tidhol fl-ufficcju taghna"* (fol. 31). Caroline Curmi xehedet li l-ewwel ufficcju kien qieghed jintuza b'mod temporanju sakemm jitlesta l-ufficcju l-gdid. Ix-xhud ma ghamlet l-ebda accenn li t-traslokk sar minhabba Bella Cassar.

7. Skond l-Artikolu 36 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali (Kap. 452):-

> (12) Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem:

Waqt it-trattazzjoni, id-difensur tal-konvenuta argumenta li l-kalkolu ghandu jsir fuq is-salarju nett li kienet intitolata ghalih u mhux fuq is-salarju gross. Fiz-zmien li l-konvenuta tterminat l-impjieg taghha kellha salarju ta' mitejn u disgha euro u erbgha u sittin centezmu (€209.64) fil-gimgha, ekwivalenti ghal disghajn lira Maltija (Lm90)[4]. Il-proviso ta' dan il-provvediment jipprovdi:

> Iżda f'dan is-subartikolu u fis-subartikoli (8), (9), (10) u (11), ir-riferenzi għal "paga kollha" u "paga" għandhom ifissru l-paga li titħallas lil persuna impjegata minn jew f'isem il-prinċipal, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' *bonus*, kull *allowance*, u rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet.

Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuta. Is-somma ta' €209.64 kienet il-paga li tithallas lill-impjegata u li minnha titnaqqas it-taxxa u l-bolla. Il-fatt l-konvenuta ma kienitx qeghda tircievi f'idejha s-somma ta' €209.64, ma jfissirx li l-ammont li jkopri t-taxxa u l-bolla m'humiex parti mill-paga taghha. Dan apparti l-fatt li l-ligi ma teskludix dik il-porzjon tal-paga li minnha titnaqqas it-taxxa u l-bolla, mir-riferenzi ghal "paga kollha" u "paga". Pero' ovvjament irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenuta ma thallsitx is-salarju ghax-xahar ta' April 2006 u sal-11 ta' Mejju 2006. Fatt ammess minn Anthony Cassar li fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2007 iddikjara:

*"....... qieghed nikkonferma iva illi mis-somma li qed titlob il-kumpannija jigifieri ta' tlett elef, tlett mija sebgha u erbghin lira Maltin (Lm3,347) trid titnaqqas is-somma ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm549) illi l-*

---

[4] Erbat elef sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm4,680) fis-sena.

*kumpannija zammet mill-paga ta' Charlene Meilak. Dan ghamilnieh ghaliex Charlene kisret il-kuntratt meta qabdet u tterminat l-impjieg"* (fol. 9).

Skond il-kalkoli li ghamlet il-Qorti, meqjus ukoll it-tnaqqis li jrid isir, l-ammont dovut mill-konvenuta hu ta' sitt elef tlett mija u tnejn u erbghin euro u tmienja u tmenin centezmu (€6,342.88) ekwivalenti ghal elfejn sebgha mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm2,723).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

2. Tichad it-tieni eccezzjoni u filwaqt li tilqa' l-hames eccezzjoni fis-sens li l-ammont hu ezagerat tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef tlett mija u tlieta u erbghin euro u tmienja u tmenin centezmu (€6,342.88) ekwivalenti ghal elfejn sebgha mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm2,723).

Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali prezentata fl-10 ta' Awwissu 2006. Spejjez tal-ewwel eccezzjoni huma a karigu tal-konvenuta. Spejjez l-ohra jinqasmu in kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) a karigu tas-socjeta attrici u l-kumplament a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------